MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 379/2004/1

**Joseph Camilleri**

**vs**

**Dr. Patrick Spiteri f' ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Foresight Holdings Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta' Gunju, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Frar, 2004, fejn intalab il-hlas ta' elf lira Maltija (Lm1000.00), liema somma kienet dovuta fil-15 ta' Awissu, 2003 u dan skond ftehim anness mal-avviz u mmarkat bhala Dok.JC1 illi kien gie ffirmat quddiem in-Nutar Dr. Anthony Abela fis-27 ta' Ottubru, 1997 bejn il-konvenut u l-mejjet

Bartolomeo sive Bertu Camilleri, li tieghu l-attur huwa l-eredi, liema ftehim kien rega gie imgedded ghal hames snin ohra fit-12 t'Awissu, 2002.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' dicembru, 2003, u bl-imghax kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut pro et noe prezentata fis-27 ta' Jannar, 2005, fejn intqal illi l-attur ghandu jipprova t-titolu tieghu.

Bla pregudizzju, illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jridu jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.

Ra l-eccezzjonijiet ulterjuri sollevati fl-10 ta' Mejju, 2005, fejn intqal:
i. Illi skond il-kuntratt l-elf lira fis-sena ma kienetx dovuta bhala rigal jew bhala annuwita izda kienet dovuta bhala kumpens, u dana ghat-telf ta' xoghol u qliegh li Bartolomeo Camilleri kien ser isofri.
ii. Illi ghalhekk wara il-mewt ta' Bartolomeo Camilleri l-ammont kien ikun dovut biss jekk min jiret kien ser isofri telf ta' xoghol u qliegh u dan kien ikun soffert biss jekk min wirtu jahdem ta' bidwi u kellu titolu validu fil-ligi biex jahdem dak l-art.
iii. Illi t-talbiet attrici, ghalhekk, huma nfondati sakemm dawn il-fatti ma jintwerewx.

Semgha x-xhieda ta' Joseph Camilleri, Dr Patrick Spiteri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidra:
1. Ra l-verbal tas-26 ta' Mejju, 2005 li fih l-partijiet qablu illi l-pagament mitlub jirreferi ghal pagament dovut f'Awissu 2003 sa Awissu 2004.
2. Jirrizulta li l-attur bhala eredi ta' Bertu camilleri qed jippretendi s-omma a bazi ta' ftehim li sar quddiem in-Nutar Anthony Abela fis-27 ta' Ottubru, 1997, Dok.JC1, u

imgedded fit-12 t'Awissu, 2002. Il-ftehim kien bejn il-konvenut u l-imsemmi Bertu Camilleri.

3. Il-konvenut qed jghid li l-attur irid jipprova t-titolu. Apparti dan qed jghid ukoll li l-ammont mitlub jirrigwarda telf ta' qliegh, mhux rigal, u ghalhekk jekk l-attur ma sofriex telf ta' xoghol u qliegh, ma jistghax jippretendi il-hlas. Jinghad ukoll li l-ammont seta jigi biss pretiz jekk l-attur kien jahdem bhala bidwi, ghax kien biss f'tali kaz li kien ikun hemm telf ta' qliegh.

4. Il-kwostjoni tirrisolvi ruhha prinicplament dwar dak li tnizzel fl-iskrittura Dok.JC1. F'din hemm imnizzel hekk:

"*Illi hu (l-konvenut) qed jiftiehem mal-utilista (Bertu Camilleri) illi b'effett immedjat, l-istess utilista jiddikjara li huwa qed jcedi kull dritt ta' lokazzjoni, pretenzjoni jew pussess fuq l-istess art b'effett immedjat u li flok kumpens ta' dana jew dritt ta' wicc; l-istess sid (il-konvenut) qed jobbliga ruhu li jhallas lill-istess ex-utilista (Bertu) is-somma ta' elf lira (Lm1000) fis-sena matul hajtu pagabbli kull sena bil-quddiem fil-hmistax t'Awissu.*

*Izda f'kaz li Bartolomeo Camilleri jmut qabel ma jkunu ghaddew ghaxar snin minn tali data, allura l-istess sid (il-konvenut) jkun obbligat li jkompli jhallas dana l-ammont sa zmien ghaxar snin mill-15 t'Awwissu, 1997 lill-eredi tal-istess Bartolomeo Camilleri u dana skond ma jirrizulta mit-testment tal-istess Bartolomeo Camilleri.*"

5. Il-kliem tal-iskrittura kien car. It-Tribunal mhux qed jara lok tal-applikabilita` ta' l-Art.1003 tal-Kap.16, li jipprovdi hekk:

"*Meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi hsiebhom il-partijiet kollha, kif ikun jidher car mill-pattijiet mehudin kollha flimkien, ghandha tghodd l-intenzjoni tal-partijiet.*"

Ma jistghax jinghad li ma kienx car x'kellhom f'mohhom il-partijiet meta dahlu ghall-iskrittura. Ghalhekk dak il-hlas li ghandu jaghti l-konvenut lill-attur bhala eredi ta' Bartolomeo Camilleri huwa hlas dovut minflok il-kumpens, pero` irrispettivament minn telf ta' qliegh kif qed jallega il-konvenut. It-telf ta' qliegh jew rabta ma' tali ma tirrizulta minn imkien fl-skrittura. Ma kien hemm ebda kundizzjoni torbot ma tali hlas.

Huwa car li tali hlas huwa dovut ghall-perijodu ta' ghaxar snin mill-15 ta' Awissu, 1997, fil-kaz tal-mewt tal-istess

Bartolomeo Camilleri. Ghalhekk il-hlas hu marbut ma' perijodu ta' zmien u mhux ma' telf ta' qliegh. Pero` fi kwalunkwe kaz, l-istess attur kien ukoll registrat bhala bidwi, (Dok.JCii, a fol.48) anke jekk fil-hin liberu tieghu, peress li hu jahdem mal-Gvern "full time" fit-Tax Compliance Unit.

6. Dwar titolu, jirrizulta li Bartolomeo Camilleri miet fit-30 ta' Ottubru, 2003, Dok.BC1, u skond it-testment datat 21 ta' Ottubru, 1994, a fol.32 tal-process, l-eredi universali tieghu huwa l-attur Joseph Camilleri, li jigi neputih. Ir-ricerki esebiti a fol.36 sa 38 tal-process jikkonfermaw t-testment.

7. Ghalhekk mil-provi mismugha u mid-dokumenti jirrizulta biic-car li l-attur ghandu kull dritt li jitlob il-hlas imsemmi ghall-perijodu Awissu 2003 sa Awissu 2004.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf lira Maltin bl-imghaxijiet legali dovuti mill-lum, u bl-ispejjez kontra l-konvenut."

L-aggravju sollevat mill-konvenut huwa wiehed purament ta' dritt u jikkonsisti fis-sottomissjoni illi l-kuntratt huwa null ghaliex, trattasi ta' vitalizju, dan ma sarx b' att pubbliku;

Jidher kjarament mill-atti illi l-eccezzjoni li l-kuntratt huwa null qed tigi proposta ghall-ewwel darba f' dan l-istadju ta' l-appell mis-sentenza appellata. Dan ifisser illi l-appellanti *nomine* qed jintroduci raguni ta' indagini minn din il-Qorti diversa minn dik zviluppata u esplorata mit-Tribunal. In effetti dan illimita ruhu biex jezamina d-domanda attrici fl-ambitu tad-difizi li fosthom ma kienetx annoverata l-eccezzjoni issa mqanqla. Di fatti f' ebda parti tas-sentenza appellata ma nsibu accenn ghan-nullita tal-kuntratt, u wisq anqas allura decizjoni fuq il-punt li qieghed jigi issa sollevat f' din l-istanza;

Jidher li hu principju accettat illi ma jistghux jigu proposti eccezzjonijiet jew kwestjonijiet godda in sede appell,

sakemm dawn ma jkunux rilevabbli wkoll, u sa fejn ikkonsentit, mill-Qorti *ex officio*. Ara **Kollez. Vol. XXXV P I p 160, Vol. XLII P I p 631** u "**Malcolm Cachia *nomine* -vs- Joseph Apps *nomine***", Appell, 30 ta' Gunju 1997. In essenza, fihom gie rilevat illi tkun sovversjoni tad-dritt kieku kellu jigi permess illi Qorti ta' revizjoni tidhol biex tezamina kwestjoni *noviter deductus* sollevata quddiemha;

Ferma din l-osservazzjoni, jidher minn ezami tal-gurisprudenza Taljana fuq is-suggett illi nonostante li di regola, skond provvediment precis (Artikolu 345 tal-Kodici ritwali Taljan), fil-gudizzju ta' l-appell ma jistghux jitqajmu domandi jew eccezzjonijiet godda, l-eccezzjoni tan-nullita` ta' kuntratt tista' anke tigi sollevata ghall-ewwel darba anke f' sede ta' appell. Ir-raguni moghtija hi dik illi l-kwestjoni ta' nullita` bhal din "*costituisce una mera deduzione difensiva, che non rientra nell' ambito del divieto dello 'ius novarum' in appello, risolvendosi in una semplice contestazione del fatto costitutivo del diritto fatto valere*" (**Qorti ta' Kassazzjoni Nru. 2035 ta' l-1994**);

Din il-Qorti ghandha dubbji serji kemm dan huwa possibbli meta l-kwestjoni qatt ma kienet tifforma kontroversja quddiem tribunal jew qorti ta' l-ewwel grad u allura ma tkunx hekk deciza. Wisq tissusspetta illi kieku kellha tikkoncedi dan, dina l-Qorti titlef il-funzjoni taghha ta' qorti ta' revizjoni ta' l-atti kompilati fl-ewwel istanza, bir-riskju illi minflok qorti tat-tieni istanza ssir wahda ta' l-ewwel istanza. Dan fil-fehma ponderata ta' din il-Qorti ma jidherx li hu lecitu, anke ghaliex ma huwiex ragonevolment u guridikament accettabbli illi appellanti jittanta jimpunja sentenza fuq binarju gdid ghaliex id-difizi primarji tieghu jkunu fallew;

F' kull kaz, ankorke din il-Qorti kellha tikkunsidra l-aggravju lilha sottomess xorta wahda ma ssibx li dan hu tenibbli;

M' hemmx kwestjoni illi biex jigi validament kostitwit vitalizju hija mehtiega l-kitba, u f' certi kazi huwa rikjest ukoll l-att pubbliku, inkella l-ftehim tal-vitalizju jitqies null. Ara Artikolu 1690, Kodici Civili u **Kollez. Vol. XXXIV P I p 379**. Naturalment, il-htiega ta' l-att pubbliku tinsorgi meta jkun hemm cessjoni ta' stabili (**Kollez. Vol. XXXI P I p 595**);

Fil-kaz in ezami l-atti processwali juru illi kienet saret skrittura bejn l-konvenut *nomine* u l-aventi kawza ta' l-attur illi permezz taghha dan l-ahhar ceda kull dritt ta' lokazzjoni li kellu fuq l-art versu l-hlas annwali da parti tal-konvenut *nomine* matul il-hajja tac-cedent. Ara kopji ta' l-iskrittura tas-27 ta' Ottubru 1997 a fol. 2 tal-process. Fl-ispjega li jaghti l-istess konvenut (fol. 55) dan jghid li l-ftehim sar peress illi Bartolomeo Camilleri kien bidwi u kien jahdem l-art u bit-tpattija ghat-telf tad-dritt li jkompli jahdimha wasal fi ftehim mieghu in linea ta' kumpens ghal dan l-istess telf ta' qligh. Minn dan, u mill-eccezzjoni ulterjuri tieghu a fol. 44, donnu l-istess konvenut *nomine* jeskludi l-ezistenza ta' annwita` u, anzi, jikklassifika l-ftehim bhala wiehed merament ta' kumpens ghat-telf ta' xoghol u tal-qligh;

Kif taraha din il-Qorti, b' dak il-ftehim Bartolomeo Camilleri kien fir-realta`, qed jirrinunzja ghal-lokazzjoni li kellu u mhux jaghmel cessjoni ta' l-affitt. Linejarment ma' gurisprudenza affermata jikkonsegwi illi ghal dik ir-rinunzja "ma hemmx bzonn ta' ebda formalita` jew awtorizzazzjoni" (**Kollez. Vol. XLI P II p 886**);

Ankorke pero` tali ftehim kellu jigi kkonsidrat bhala wiehed ta' vitalizju dik l-iskrittura kienet isservi *ad substantiam* in kwantu, fil-fattispeci, in-natura specifika tan-negozju intervenut ma kienetx tirrikjedi l-forma partikulari ta' l-att pubbliku. Ma kien involut ebda cessjoni ta' immobbli imma, jekk wiehed kellu jikkonsidraha bhal cessjoni u mhux rinunzja, semai cessjoni tad-dritt personali ta' inkwlinat fuq l-art u ghal din ma kienx rikjest l-att pubbliku. L-importanti li saret bil-kitba ghax, kif inhu pacifiku, "*la*

*cessione d' affitto soggiace alle regole relative alla cessione dei diritti in generale e quindi deve essere fatta in iscritto*" (**Kollez. Vol. XVI P II p 140**).

Ghal dawn il-motivi u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet maghmula din il-Qorti tirrigetta l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-konvenut *nomine* appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------